## APPENDICI

### Pawlu VI

Diskors tal-15 ta' Novembru 1972

"Liema huma l-bzonnijiet l-aktar kbar tal-Knisja llum? Thallux it-twegiba taghna ggeghlkom tistaghgbu biha, bhallikieku kienet wahda semplicista u irreali. Wiehed mill-bzonnijiet l-aktar kbar hija d-difiza kontra dak il-hazin, li jissejjah ix-Xitan.

Qabel ma nfissru l-hsieb taghna, nixtiequ nistiednu l-harsa taghkom biex tinfetah ghad-dawl tal-fidi fuq il-vizjoni tal-hajja tal-bniedem, harsa li minn dan il-post ta' osservazzjoni timrah fi spazju mmens u tippenetra fil-qiegh nett. Fil-fatt, il-kwadru li ahna mistiedna biex napprezzaw b'realizmu globali huwa sabih hafna. Huwa l-kwadru tal-holqien, l-opra ta' Alla, li Alla nnifsu, bhala mera minn barra ta' l-Gherf tieghu u tal-qawwa tieghu, ammira fis-sbuhija essenzjali tieghu.

Imbaghad huwa interessanti hafna l-kwadru ta' l-istorja drammatika tal-bniedem, li minnha tohrog l-istorja tal-fidwa, l-istorja ta' Kristu, l-istorja tas-salvazzjoni taghna bit-tezori stupendi taghha tar-rivelazzjoni, il-profezija, il-qdusija u ta' hajja merfugha ghal-livell soprannaturali u ta' weghdiet ghal dejjem (ara Efl,lG).

Meta wiehed ikun jaf ihares lejn dan il-kwadru ma jistax ma jibqax imghaggeb bih (S. Wistin: Soliloqui). Kollox ghandu s-sens tieghu, kollox ghandu ghan, kollox ghandu ordni u kollox ihallina naraw Prezenza-Tranxendenza, Hsieb, Hajja u fl-ahhar nett Imhabba, hekk li l-univers, ghal dak li hu fih innifsu, jidher quddiemna bhala thejjija entuzjazmanti ghal xi haga aktar sabiha u aktar perfetta (ara 1 Kor 2,9; 13,12; Rum 8,19,23).

Il-vizjoni Nisranija tad-dinja u tal-hajja hija mill-aktar ottimista; u din il-vizjoni tiggustifika l-ferh taghna u r-rikonoxxenza taghna ghall-hajja hekk, li waqt li niccelebraw il-glorja ta' Alla, ahna nkantaw il-ferh taghna (ara il-Glorja tal-Quddiesa).

Imma kemm hija shiha din il-vizjoni? Hija ezatta? Kemm jimpurtana min-nuqqasijiet li hawn fid-dinja? Id-disfunzjoni tal-hwejjeg li ghandhom x'jaqsmu ma' l-ezistenza taghna? It-tbatija, il-mewt, il-hruxija u l-mohqrija, id-dnub, fkelma wahda, il-hazin? L-aktar il-hazin morali jigifieri il-hazin, li fl-istess hin, ghalkemm b'mod differenti, jehodha kontra Alla u kontra l-bniedem? Forsi dan l-ispettaklu ta' dieqa mhux misteru li ma jistax jitfisser? U ahna, proprju ahna, dawk li naghtu qima lill-Verb, dawk li nkantaw it-Tajjeb, ahna li nemmnu, ma ahniex ahna stess l-aktar sensibbli, l-aktar li nhossuna mhawwdin meta nharsu lejn il-hazin u nesperjenzawh f'hajjitna?

Niltaqghu mieghu fis-saltna tan-natura, fejn hafna mis-suriet tieghu donnhom jidhru li qed jindikaw id-dizordni. Imbaghad niltaqghu mieghu fil-qasam uman, fejn niltaqghu mad-dghjufija, il-fragilita, it-tbatija, il-mewt, u xi haga wkoll aghar: ligi doppja u kontradittorja, li minn naha wahda trid it-tajjeb u min-naha l-ohra hija

mxaqilba lejn il-hazin, turment li San Pawl jaghti xhieda umli tieghu, biex juri l-htiega u l-fortuna tal-grazzja li ssalva, tas-salvazzjoni mwassia lilna minn Kristu (ara Rum 7). Il-poeta pagan, Ovidju, fisser dan il-konflitt fl-intem tal-qalb tal-bniedem: "video meliora, proboque, deteriora sequor" {Ovidju, Met. 7,79).

Niltaqghu mad-dnub, li hu perverzjoni tal-liberta tal-bniedem u kawza profonda tal-mewt ghaliex jaqta' minn Alla, il-ghajn tal-hajja (ara Rum 5,12), u mbaghad ukoll okkazjoni u effett ta' indhil sewwa fina u fid-dinja taghna ta' agent imhawwad u ghadu taghna, ix-Xitan. Il-hazin mhuwiex biss deficjenza (nuqqas tat-tajjeb) imma wkoll efficjenza, essri haj, spiritwali, pervers u li jipperverti. Realta terribbli, misterjuza u li tbezza'.

Ikun qed johrog mill-kwadru tat-taghlim tal-Bibbja u dak tal-Knisja min jichad l-ezistenza tar-realta tal-hazin jew iqisha bhallikieku xi principju ghalih wahdu li ma ghandux il-bidu tieghu bhal kull hlieqa ohra, f'Alla, jew li jfissru bhala psewdo-realta, personifikazzjoni koncettwali u fantastika tal-kawzi mhux maghrufa tal-gwaj kollu taghna. Il-problema tal-hazin, meta wiehed ihares lejha fil-komplessita taghna tidher bhala semplici kontradizzjoni fiha nnifisha meta mqabbia mar-ragunament dirett taghna l-bnedmin u tasal biex issir ossessjoni. Hija l-akbar diffikulta ghall-mohh taghna meta nippruvaw nifhmu d-dinja fis-sens religjuz taghha. Mhux ta' b'xejn Santu Wistin dam is-snin ibati minnha. "Querebam unde malum, et non erat exitus"', fittixt minn fejn gej il-hazin u ma sibtx spjegazzjoni. (Stqarrijiet ta' Santu Wistin VII, 5, 7, 11, PL 32, 736, 739).

Minn hawn tidher l-importanza li ghandu l-gharfien tal-hazin ghall-gharfien sewwa u Nisrani tad-dinja, tal-hajja, tas-salvazzjoni. Wiehed ma jistax ma jiftakarx fil-grajja tat-tliet tentazzjonijiet ta' Kristu qabel ma bdiet l-istorja ta' l-Evangelju tieghu, fil-bidu tal-hajja pubblika tieghu. Wiehed ma jistax ma jiftakarx fil-hafna episodji tal-Vangelu fejn ix-Xitan jipprova jfixkel il-passi tal-Mulej li jsemmih fit-taghlim tieghu. (ara Mt 12,43). Wiehed ma jistax ihalli barra li Kristu ghal diet darbiet irrefera ghax-Xitan bhala l-avversarju tieghu u sejjahlu "il-princep ta' din id-dinja" (Ow 12,31; 14,30; 16,11).

It-theddida ta' din il-prezenza hazina tidher min diversi passi fir-Rabta l-Gdida. San Pawl lix-xitan isejjahlu "l-alla ta' din id-dinja" (2 Kor 4,4) u jifthilna ghajnejna dwar it-taqbida fid-dlam, li ahna l-Insara jehtigilna nitqabdu mhux ma' xitan wiehed izda ma' numru li jwahhax. "Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilhu tieqfu ghat-tnassis tax-Xitan. Ghax il-glieda taghna mhijiex kontra d-demm u l-laham, imma kontra s-Setghat, kontra l-Qawwiet, kontra l-Princpijiet ta' din id-dinja ta' diamijiet (Efesin 6,1l-12).

Li mhuwiex xitan wiehed izda hafna jidher minn diversi passi fil-Vangelu (ara Lq 11,21; Mk 5,9}. Izda wiehed huwa l-Principali:
Satana, li jfisser l-avversarju, l-ghadu; u mieghu, hafna ohrajn, kreaturi ta' Alla, imma li waqghu, ghax ribelluzi u ndannati (ara Denz.. Sch. 800-428). Hija dinja misterjuza, imhawda minn dramma mill-aktar infelici, li dwarha nafu ftit li xejn.

Imma dwarha nafu hafna affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-hajja taghna u ma' l-istorja kollha tal-bniedem. Ix-Xitan insibuh fil-ghajn ta' l-ewwel dizgrazzja ta' l-umanita; kien hu t-tentatur qarrieqi u fatali li wassal ghall-ewwel dnub, id-dnub tan-nisei (ara Gen 3; Gherf1,24). Minn din il-waqgha ta' Adam, ix-Xitan rebah certa

hakma fuq il-bniedem, li minnha biss il-fidwa ta' Kristu tista' tehlisna. Hija storja li ghadha sejra; niftakru fl-ezorcizmi tal-Maghmudija u r-riferenzi ta' sikwit fil-Bibbja u fil-Liturgija "ghall-qawwa tad-dlamijiet" li hi aggressiva u opprimenti (ara Lq 22,23; Kol 1,13).

Huwa l-ghadu numru wiehed, huwa t-tentatur per eccellenza. Nafu li dan l-essri konfuz u hawwadi jezisti tassew u jahdem b'malizzja qarrieqa. Huwa l-ghadu mohbi li jizra' l-izbalji u l-izventuri fl-istorja tal-bniedem. Hawn ta' min jiftakar fil-parabbola tal-qamh u s-sikrana, sintesi u spjegazzjoni tan-nuqqas ta' logika li dejjem tippresedi fuq it-tibdil kontrastanti taghna: "inimicus homo hoc fecit" (Mt 13,28). Huwa "l-qattiel sa mill-bidu ... u missier il-gideb", kifjghid dwaru Gesu (Gw 8,44-45). Huwa dak li jhedded l-ekwilibriju morali tal-bniedem. Huwa t-tentatur astuzu hazin, li jaf isefsef fina, permezz tas-sensi taghna, fantasiji, konkupixxenza, logika utopistika u dizordnijiet, li huma ta' hsara ghalina, ghalkemm jidhru li jaqblu ma' l-istrutturi fizici u psikici taghna u ma' l-istinti u l-ispirazzjonijiet profondi taghna l-bnedmin.

Kapitlu importanti hafna tat-taghlim Nisrani li wiehed ghandu jistudja mill-gdid huwa dak dwar ix-Xitan u l-influss tieghu fuq il-persuni, fuq il-komunita, fuq socjetajiet shah Jew fuq il-grajjiet;
studju li llum mhux qed jinghata l-importanza tieghu. Xi whud jahsbu li jsibu kumpens ghalih fl-istudji psikananalisti u psikjatrici jew f'esperjenzi spiritistici, li llum huma mxerrdin hafna f'xi pajjizi. Huma jibzghu li jaqghu mill-gdid fit-teoriji manikejisti ta' dari jew fi hsibijiet u fantasiji supestizzjuzi.

Ghalhekk ilium xi whud jippreferu jidhru qawwija u minghajr pregudizzji u jilaghbuha tal-pozittivi, ghalkemm imbaghad jaghtu widen ghal tant pregudizzji magici u popolari bla bazi jew - dak li hu aghar - jesponu '1 ruhhom, dik ir-ruh li rceviet il-Maghudija u hafna drabi tilqa' fiha l-prezenza Ewkaristika u hija ghamara ta' l-Ispirtu s-Santu, - ghall-esperjenzi bla razan tas-sensi u dawk qerrieda tad-drogi, kif ukoll ghall-gibdiet ideologici ta' l-erruri tal-moda. Dawn kollha huma xquq li minnhom il-Hazin jista' jghaddi biex ibiddel il-mentalita tal-bniedem.

Wiehed ma jridx jghid li kull dnub huwa direttament azzjoni tax-xitan (ara S.Th. I. 104.3.1) imma huwa wkoll veru li min ma jghassisx b'certa forza morali fuqu nnifsu (ara Mt 12,45; Ef6,ll) ikun qieghed jesponi ruhu ghall-influwenza tal-"mysterium iniquitous" li jirreferi ghalih San Pawl (ara 2 Tess 2,3-12) u li jirrendi problematika s-salvazzjoni taghna.

Id-duttrina taghna tibda tidher incerta, imdallma kif inhi mill-istess dlamijiet li jduru madwar ix-Xitan. Imma l-kurzita taghna, misjuqa mic-certezza ta' l-ezistenza tieghu f'diversi suriet, issir legittima permezz ta' zewg mistoqsijiet: Hemm sinjali u jekk iva, liema huma, tal-prezenza tal-hidma tax-xitan? U liema huma l-mezzi ta' harsien kontra periklu hekk qarrieqi?

It-twegiba ghall-ewwel mistoqsija titlob hafna attenzjoni, ukoll jekk is-sinjali tal-Hazin xi drabi jidhru evidenti (ara Tertulljanu, Apol 23). Nistghu nissoponu I-hidma hazina tieghu fejn in-negazzjoni ta' Alla ssir fil-qiegh b'mod sottili u qisha bla importanza; fejn il-gidba tafferma ruhha b'ipokresija u qawwa, kontra l-verita evidenti; fejn l-imhabba hija mitfija minn egoizmu bla qalb u krudili; fejn l-isem ta' Kristu huwa attakkat minn mibeghda ribelluza (ara 1 Kor 16,22; 12,3); fejn l-ispirtu tal-Vangelu huwa ttrattat b'mod mistiku u michud; fejn id-disperazzjoni tgholli rasha

u trid ikollha hi l-ahhar kelma u l-kumplament. Hija dijanjosi wiesgha wisq u tqila biex ahna hawn nidhlu fil-fond fiha u nippruvaw nidentifikawha, imma zgur mhiex nieqsa ghal kulhadd minn interess drammatiku. Il-letteratura moderna ddedikat pagni famuzi ghaliha (ara x-xoghlijiet ta' Bernanos, studjati minn Ch. Moeller, Litter, du XX siecle, I. p. 397 ss; P. Macchi, 77 volto del male in Bernanos; Satan, Etudes Carmeltaines, Desclee de Br. 1948).

Il-problema tal-hazen tibqa' problema kontinwa mill-aktar kbar ghall-ispirtu tal-bniedem, ukoll wara t-twegiba rebbieha li jaghtina Gesu: "Ahna nafu, "jghidilna l-Evangelista San Gwann, "li ahna (mweldin) minn Alla u li d-dinja kollha tinsab taht il-hazin" (7 Gw 5,79).

Ghall-mistoqsija l-ohra: "Liema difiza, liema rimedju sejrin nuzaw kontra l-hidma tax-Xitan?" it-twegiba hija aktar hafifa biex tifformulaha ukoll jekk tibqa' iebsa biex tatwaha. Nistghu nghidu:
dak kollu li jharisna mid-dnub jipprotegina minnu nnifsu kontra l-ghadu li majidhirx. Il-grazzja ta' Alla hija harsien decisiv. L-innocenza tassumi aspett ta' qawwa. Wiehed jiftakar kif il-pedagogija Appostolika fl-armatura tas-suldat rat simboleggjati l-virtujiet li jharsu n-Nisrani milli jkun imwegga' (ara Rum 13,12; Ef 6,1l-14, 17; 1 Tess 5,8). In-Nisrani jehtieg li jkun militanti; jehtieg li jghasses u jkun qawwi (ara 7 Piet 5,8) u jehtieg xi drabi jirrikorri ghal xi tahrig axxetiku u socjali biex ibieghed l-attakki tax-xitan. Dan jghallimulna Gesu u jaghtina r-rimedju: "fit-talb u s-sawm" (Mk 9,29). L-Appostlu Pawlu jaghtina l-principju **li** ghandu jmexxina: "Thallix lijirbhek il-haien, imma irbah il-haiin bit-tajjeb" (Rum 12,21; Mt 13,29).

Ghalhekk waqt li naghrfu l-hazen li l-erwieh, il-Knisja u d-dinja jinsabu fih ilium, nippruvaw li naghtu sens u effikacja lill-invokazzjoni tas-soitu li nsibu fit-talba ewlenija taghna:
"Missierna... ehlisna mid-deni".
Nixtiequ li l-Barka Appostolika taghna tghinkom fdin il-haga. (OSSERVATORE

ROMANO 16-1l-72)*

***Traduzzjoni mit-Taljan ghall-Malti minn Rev. Joe Sanunut.**

## GABRA QASIRA TA' TALB

### Lista ta' xi Talb li jista' jintuza kontra l-attakk tax-xitan kontrina

### 1. *Salm 91*

Int li tghix ghall-kenn ta' l-Gholi,

li tghammar ghad-dell ta' dak li jista' kollox,

ghid lill-Mulej:

"Kenn tieghi u Alla tieghi int,

Alla tieghi, jien fik nittama".

Ghax hu jehilsek mix-xibka tan-nassab,

u mill-mard tal-mewt.

Bir-rih tieghu jghattik,

u taht gwenhajh tistkenn,

ghax tarka u kurazza l-fedelta tieghu.

Ma tibzax mill-biza tal-lejl,

anqas minn viegga li tittajjar bmhar,

minn pesta li tixtered fid-dlam,

Jew minn marda li ggib herba f'nofsinhar.

Elf ruh jaqghu magenbek,

u ghaxart'elef fuq lemintek.

Imma lejk id-deni ma jersaqx,

ghax tarka u kurazza l-fedelta tieghu.

Int dan tarah biss b'ghajnejk,

tara l-hlas li jiehdu l-hziena.

Ghax int ghandek il-Mulej kenn tieghek,

ghamilt l-Gholi ghamara tieghek.

Ebda deni ma jigrilek,

ebda hsara ma tersaq lejn darek.

Ghax l-angli tieghu hu jibghatiek,

u jharsuk fi triqatek kollha.

Fuq idejhom jerfghuk,

**li** ma tahbatx ma' xi gebia **riglek.**

Fuq l-iljun u l-lifgha int timxi,

ferh ta' ljun u serp int tirfes.

**La** thabbeb mieghi jien nehilsu;

la gharaf ismi, jiena nharsu Hu jsejjahli u jiena nwiegbu;

mieghu nkun fid-dwejjaq tieghu, nehilsu u nerfaghlu giehu;

u b'ghomor twil nimlieh nurih is-salvazzjoni tieghi.

*2.*

Invokazzjonijiet bil-Kelma tal-Bibbja

Grazzi lill-Alla l-haj

"li tana r-rebha permezz ta' Sidna ('resu Kristu" (1 Kor 15:57)

Issa l-helsien u l-qawwa u s-Saltna ta' Alla taghna, u l-awtorita ta' Kristu jinsabu fostna,

"ghax twaddab 'il barra dak li jixli HI hutna" (Apok **12:10)** Il-Mulej ta' l-ezercti jinsab maghna, ghax "forti^a ghalina Alla ta' Gakob" (Salm 46:8) Il-glorja u s-setgha huwa tieghek bi dritt, o Haruf li kont maqtul, ghax lilek biss jisthoqqlok

***"li tircievi l-qawwa, u l-ghana, u l-gherf, u s-sahha, u l-gieh, u l-glorja u t-tifhir" (Apok 5:12)***

2b

"Gesu, Mghallem, ikollok hniena minna *(Lq 17:13)*

"Salvani, Mulej" *(Mi 14:30)*

"Henn ghalija. Bin David" (Mr 75:22)

"Jiena nemmen. Ghinni fil-fidi nieqsa tieghi" *(Mk 9:24)*

"Binti z-zghira waslet fl-ahhar; ejja, qieghed idejk fuqha, halli **tfiq** u tghix *(Mk 5:23)*

"Mghallem, gibtlek lil ibni, ghax ghandu spirtu mbikkem" *(Mk 9:17)*

"Li nerga' nara, Rabbuni" *{Mk 10:51)*

"Tbieghed minni, Mulej, ghaliex jiena ragel midneb" *(Lq 5:8)*

"Mulej tieghi, u Alla tieghi" *(Gw 20:28)*

"Mulej, int taf kollox; inti taf li nhobbok" *(Gw 21:17)*

"Mulej, ghand min immorru? Inti ghandek il-kliem tal-hajja **ta'** dejjem" *{Gw 6:68)*

"Ibqa' maghna, ghax issa sar hafna hin, u l-jum ga wasal biex

jintemm" *(Lq 24:29)*

"Gesu, ftakar fija meta tidhol fis-Saltna tieghek" *(Lq 23:42)*

### *3.* Talba lis-SS.ma Trinita'

0 Alla haj u veru, ninzel gharkubtejja quddiem il-Maesta divina

tieghek.

Nadurak bil-mohh, bil-qalb u bl-ispirtu kollu tieghi.

Noffrilek hajti u hidmieti.

Nintelaq f'idejk b'fiducja ghamja fil-hniena tieghek.

Nitolbok mahfra ta' dnubieti kollha.

Nitolbok tghinni u tipprotegini f'kull mument ta' l-ezistenza tieghi

u twaddabni ghall-kenn tal-gwienah tieghek.

MISSIER etem u divin:

F’gieh l-omnipotenza u l-maesta tieghek, ehlisni mit-tnassis kollu tax-xitan u minn kull hazen. Tini l-qawwa u rieda soda biex nimxi dejjem fuq il-kmandamenti tieghek u fuq it-taghlim li nsib fl-Iskrittura, ghall-glorja tieghek u l-helsien tieghi. *Glorja...*

**IBEN** unigenitu tal-Missier u Hija l-Kbir:

Gesu Hellies u mghallem tieghi, f’gieh il-passjoni u l-mewt tieghek, ehlisni mit-tnassis tax-xitan u minn kull hazen. Thallinix incedi ghall-qerq u t-tentazzjonijiet ta' l-ghadu infemali, u msahhah mill-Gisem u d-Demm tieghek, tini li nghix bl-ikbar fedelta il-mixja tieghi bhala dixxiplu tieghek. *Glorja...*

**SPIRTU** Qaddis u Qawwi

F’gieh il-prezenza tieghek fija u fil-Knisja qaddisa, ehlisni mill-qerq tax-xitan u mill-hazen kollu. Dawwalni bid-dawl tieghek u sahhahni bir-rigali u l-karizmi tieghek, biex hekk naghraf u jkolli l-qawwa li nbieghed minni l-qerq ta' l-ghadu kontra l-Fidi u l-morali nisranija. Ghanini bil-farag tieghek, farag prezzjuz wisq izjed minn dak li toffrili d-dinja, u ghinni nghix dejjem fil-verita u l-karita. *Glorja...*

## Talba lil Gesu’ Kristu

0 Gesu’ Feddej u hellies tieghi, ninsab mixhut quddiemek, bhal dawk li fi zmienek iltqajt maghhom u wara li gietek hasra minnhom, hlisthom mill-kattiverja tax-xitan. Filwaqt li nhossni mmeraviljat quddiem il-hniena u t-tjubija tieghek, naghraf ukoll fik il-qawwa u s-setgha suprema fuq Satana u shabu. Int ghajjatt ma' l-ispirti hziena u dawn hargu minn dawk itturmentati minnhom, u lil dawn uliedek ergajt tajthom id-dawl, is-smigh, il-kliem, u fuq kollox, il-ferh u l-grazzja.

Gesu tieghi, jien ukoll inhossni tturmentat mill-ghadu nfemali li jfixkiini fil-mixja u l-hidma ta' kuljum tieghi u mal-lejl itellifni l-mistrieh. Fuq kollox, inhoss qawwija l-prezenza tieghu fl-isforzi tieghi biex nghix hajja tajba u minghajr dnub. Jiena nemmen fik, ghaziz Gesu tieghi.

Int l-Iben t'Alla l-haj, iggenerat mill-Missier, u haga wahda ma' l-Ispirtu Qaddis. Biex tehlisni mill-iskjavitu tad-dnub u tax-xitan, ma stmerrejtx li tinzel fostna, thalli l-

ghamara tieghek tas-sema, u ssir wiehed bhalna. Ilbist id-dghufija tal-gisem tieghi. Xerridt fostna l-Ahbar it-Tajba tal-helsien, u biex turina mhabbtek accettajt il-pjan tal-Missier li titia' l-Kalvarju u tmut ghalina fost tbatijiet horox. Demmek xerridtu kollu ghalina u bih gibt rebha komplita fuq ix-xitan.

Nadurak, Gesu tieghi, u nizzik hajr, f'ismi, f'isem il-Knisja u f'isem l-umanita kollha, li tajtna mill-gdid ic-cans li nixorbu mill-ilma safi ta' l-ghajn tal-grazzja tieghek.

U issa hallini nitolbok, Gesii, fgieh id-demm li xerridt ghalina, ehlisni mill-attakki kollha tax-xitan. Kun mieghi waqt it-tentazzjonijiet tal-gisem u tad-dinja.

Ipprotegi l-mixja tieghi lejk, ipprotegi '1 sahhti, il-familja tieghi, id-dar u x-xoghol tieghi.

Hallini kontinwament induq il-prezenza tieghek f'kull mument tal-gurnata. Tini l-forza li dejjem u f kollox naghmel ir-rieda tieghek.

*Missierna...*

Mill-qerq tax-xitan, ehlisna nitolbuk Mule]. Mill-koria, mill-mibeghda u minn kull rieda hazina,

***ehlisna nitolbuk Mulej***

***Mill-piena ta' l-infern, ehlisna nitolbuk Mulej.***

*Nitolbu:*

0 Alla, hanin u fidil, li qatt ma teghja ssejjah lill-imbeghda u mitlufin biex jikkonvertu u jghixu u hekk tfejjaqhom mill-gdid bid-demm ta' Ibnek Gesu mill-qerq tax-xitan, tina l-hlewwa tal-grazzja tieghek biex imgeddin mill-Ispirtu s-Santu, inkunu nistghu nikkorrispondu ghall-imhabba etema u nfinita tieghek. Bi Kristu Sidna. Amen.

4b

0 Gesu Hellies,

Sinjur tieghi u Alla tieghi

Mulej tieghi u kollox ghalija,

illi bis-sagrificcju tas-salib,

fdejtna u gibt rebha shiha fuq Satana,

nitolbok li tilliberani minn kull prezenza malefika

u minn kull theddida tax-xitan.

Dan nitlobuiek f’gieh ismek,

nitlobuiek f’gieh il-pjagi tieghek,

nitlobuiek f’gieh id-demm li xerridt ghalina,

nitlobuiek f’gieh is-salib li fuqu tajt hajtek ghalina,

nitlobuiek bl-intercessjoni ta' Marija,

Immakulata u Addolorata.

J'Alla d-demm u l-ilma

li hargu mill-kustat tieghek fuq is-salib

jinzlu fuqi biex jippurifikawni,

iqaddsuni, jahsluni u jilliberawni.

Fejjaqni Mulej

. Ehlisni Mulej.

Ghinni Mulej. Amen.

**Talba lill-Vergni Mbierka Marija**

0 Immakulata Vergni Marija, Omm Alla u ommna, Regina ta' l-Angli, isma' t-talba li ser naghmlulek u minn idejk ipprezentaha quddiem it-tron ta' Ibnek Gesu.

Int ircevejt minghand Alla l-missjoni li tghaffeg, permezz ta' Ibnek Gesu, ir-ras infernali u supperva ta' Satana. Ghalhekk Alla ghamlek Immakulata sa mit-tnissil tieghek u mliek bil-grazzja. Hekk b'izjed heffa tkun tista' tghinna, bhala Omm il-Knisja u Ommna Ikoll, fil-mixja ta' fejda lejn Ibnek Gesu.

Nitolbuk ghaldaqstant Marija, li bl-intercessjoni tieghek, titlob lil Alla jibghat hdejna l-qtajja' ta' l-angli tieghu biex ikeccu minn madwarna l-ispirti hziena li jridu jqarrqu bina. Aghmel li fwidnejna l-Angli tieghu jghajtu kontinwament dik l-ghajta li ghajjat Mikiel fis-sema, u li biha kecca l-angli ribelli u hziena:

*"Min hu daqs Alla?"*

Ghinna Marija, halli nsiru bhaiek izjed umli quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

Ghinna halli nkunu izjed decizi fil-glieda taghna kontra li spirti **ta'** l-impurita u tar-ribelljoni.

Ghinna halli nkunu izjed imheggin fit-talb.

Ghinna halli nigru izjed lejn is-sagramenti, specjalment dak tar-Rikonciljazzjoni u t-Tqarbin.

Ghinna halli nkunu kapaci nhobbu lil kulhadd, nahfru lil kulhadd, nghixu fil-paci ma' kulhadd.

Nistkennu taht il-mant tal-hniena tieghek, o Omm Alla, zguri **li** b'hekk inkunu izjed protetti minn kull theddida tax-xitan.

Hares fina, Marija, il-Fidi, l-imhabba lejn Alla, iz-zelu ghall-glorja tieghu, l-osservanza tal-ligi tieghu u l-ghixien ferhan tal-Vangelu.

Fl-ahhamett, ghaziza Marija, kun maghna fl-ahhar mument ta' hajjitna, biex tiddefendina mill-insinwazzjonijiet, dubji, biza' Jew ribelljoni li x-xitan igibilna fdawk l-ahhar mumenti ta' hajjitna.

B'hekk, wara li nkunu ghexna maghqudin mal-Missier, ma' l-Iben u ma' l-Ispirtu s-Santu fuq din l-art, naslu mieghek ghall-glorja etema, fejn it-telfa tax-xitan tkun definittiva. Amen.

Salve Regina...

*Att ta' Konsagrazzjoni lill-Madonna kompost minn S. Massimiljan Kolbe*

Vergni bla tebgha, Omm tieghi Marija,

jiena ngeddidlek illum u ghal dejjem

il-konsagrazzjoni tieghi nnifsi

sabiex inti tiddisponi minni ghall-gid ta' l-erwieh.

Biss nitolbok, Sultana tieghi u Omm il-Knisja,

li jiena nahdem bil-fedelta mieghek,

ghall-migja mixtieqa tas-Saltna ta' Gesu Kristu fid-dinja.

Noffriiek ghalhekk, o Qalb bla Tebgha ta' Marija,

it-talb, l-ghemil u s-sagrificcji ta' dan il-jum,

0 Marija, imnissla minghajr dnub,

itlob ghalina li nigu ghandek

u ghal dawk li ghandek ma jigux,

l-aktar ghall-ghedewwa tal-Knisja Mqaddsa

u ghal dawk li huma fdati lilek.

*5c.*

Taht il-harsien tieghek, nistkennu Omm qaddisa ta' Alla:

la twarrabx minn quddiemek

it-talb li naghmlulek fi htigijietna,

u ehlisna dejjem minn kull tigrib, 0 Vergni glorjuza u mbierka.

*6.*

*Talb lil San Mikiel*

Talba komposta mill-Papa Ljun XIII

O Princep l-izjed glorjuz tal-qtajja' tas-sema,

Arkanglu San Mikiel,

idhol ghalina fit-taqbida li ghandna

mal-qawwa tad-dlamijiet u l-hazen taghhom.

Idhol ghalina fil-bzonnijiet taghna,

bnedmin, li gejna mahluqa minn Alla

u mifdijin bi prezz gholi mill-kefrija tad-demonju.

Il-Knisja tqimek bhala Hares u Protettur taghna,

u l-Mulej fdaiek f'idejk l-erwieh

li gumata ghad jghammru fis-sema.

Itlob ghalhekk, 'il Alla tal-Paci

halli Satana jibqa' mizmum fil-qiegh ta' l-infem

sabiex majkunx jista' jghassar izjed l-erwieh taht il-hakma tieghu

u lanqas igib hsara lill-Knisja.

Ressaq quddiem Alla t-talb taghna flimkien ma' tieghek

sabiex dionk tinfirex fuqna l-hniena tieghu,

u inti tkun tista' trazzan lil dan id-dragun,

**lil** Satana,

u tixhtu fid-daghbien **ta* dejjem**

minn fejn ma jistax **iqarraq izjed bl-erwieh.**

Hekk ikun.

F'isem Gesu Kristu,

Alla u Sinjur taghna

u bl-intercessjoni tal-Vergni Marija bla Tebgha, Omm Alla,

ta' San Mikiel Arkanglu,

ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl

u tal-Qaddisin kollha,

b'tama kbira nidhu ghat-taqbida

kontra l-attakki u t-tnassis tax-xitan.

6b.

**Il-Kuruna Jew Ruzarju ta' San Mikiel**

Darba San Mikiel deher lis-Serva t'Alla Antonia d'Astonaco fil-Portugal u wrieha x-xewqa li jigu komposti ghad-unur tieghu 9 Tislimiet. Kull Tislima tikkonsisti f'Missierna u tliet Avemarijiet.

L-Arkanglu Mikiel wieghed illi kulmin jirrecta dan ir-ruzarju qabel ma jitqarben, anglu minn kull wiehed mill-Korijiet jakkompanjah lejn il-Mejda Ewkaristika.

Mhux biss, imma sew hu kif ukoll l-angli jghinuh tul hajtu u f'mewtu. Hafna grazzji jistghu jinqalghu bir-recta ta' din il-kuruna.

Il-Kuruna ta[9] San Mikiel

Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti tas-Serafini, aghmilna denji, Mulej, tal-hegga ghall-karita perfetta. *Missierna u tliet Ave Maria* Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti tal-Kerubini, aghmilna denji tal-mixja tal-perfezzjoni nisranija. *Missierna u tliet Ave Maria*

**L-Ewwel Posta** – Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti tas-Serafini, aghmilna denji, Mulej, tal-hegga ghall-karita' perfetta.

*Missierna u tliet Ave Maria*

**It-Tieni Posta** - Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti tal-Kerubini, aghmilna denji, tal-mixja tal-perfezzjoni misranija.

*Missierna u tliet Ave Maria*

**It-Tielet Posta** - Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti

tat-Troni, aghtina Mulej l-ispirtu veru ta' l-umilta.

*Missierna u tliet Ave Maria*

**Ir-Raba' Posta** - Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti tad-Dominazzjonijiet, aghtina Mulej il-grazzja

li nkunu kapaci nikkontrollaw is-sentimenti

taghna.

*Missierna u tliet Ave Maria*

**Il-Hames Posta** - Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti

tas-Setghat, ipproteġina Mulej mill-qerq u t-

tentazzjonijiet kollha tax-xitan.

*Missierna u tliet Ave Maria*

**Is-Sitt Posta** - Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti

tal-Virtujiet, aghtina Mulej il-grazzja li ma

naqghux fil-glieda taghna hekk perikoluza

kontra d-dnub.

*Missierna u tliet Ave Maria*

**Is-Seba' Posta** - Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti

tal-Principalitajiet, aghtina Mulej l-ispirtu ta'

ubbidjenza vera u sinciera.

**Missierna u tliet Ave Maria**

**It-Tminn Posta** - Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti

ta' l-Arkangli, aghtina Mulej id-don tal-

perseveranza fil-fidi u fl-ghemil it-tajjeb..

*Missierna u tliet Ave Maria*

**Id-Disa' Posta** - Bl-intercessjoni ta' San Mikiel u l-Kor celesti ta' l-Angli, aghmel Mulej li dawn l-ispirti qaddisa jipproteguna dejjem u specjalment fis-siegha tal-mewt taghna.

**Missierna u tliet Ave Maria**

Issa jinghadu *erba' Missierna* ghad-unur ta' San Mikiel, San Gabrijel, San Rafel u l-Anglu Kustodju.

*Antifna*

Glorjuz Mikiel Arkanglu, kap ta' l-angli kollha, difensur ta' l-erwieh u rebbieh fuq ix-xitan, int li int hekk vicin il-glorja t'Alla, wara Sidna Gesu Kristu, inti l-Protettur taghna, moghni b'dinjita u setgha tas-sema; ghinna nersqu u nimxu lejn Alla, hielsa minn kull ghamla ta' hazen u fidili fis-servizz t'Alla l-jiem kollha ta' hajjitna.

Itlob ghalina, o Mqaddes Mikiel, princep tal-Knisja ta' Gesu Kristu.

*Talba*

0 Kbir u Etern Alla, Int li fil-hniena mmensa tieghek ghazilt lill-glorjuz Arkanglu San Mikiel, Princep tal-Knisja tieghek, biex jghinna fil-helsien ta' ruhna, nitolbu li taghmilna denji li nkunu liberi mill-ghedewwa kollha taghna bil-protezzjoni tieghu, hekk li hadd minnhom ma jirnexxilu jfixkilna fis-siegha tal-mewt taghna, imma ghall-kuntrarju aghmel li l-istess Arkanglu jmexxina lejn il-prezenza tal-Maesta Divina u Gholja tieghek.

Ghall-merti ta' Gesu Kristu Sidna. Amen.

*Missierna, Ave u Glorja* lill-Angli Kustodji, ghall-dawk **il-**persuni li offendejna jew skandalizzajna.

*Nitolbu*

Zur, Mulej, nitolbuk, din id-dar u bieghed minnha kull tnassis tad-demonju; ha jghammru fiha l-Angli mqaddsa tieghek li jharsuna bis-sliem; u l-barka tieghek tinzel fuqna dejjem.

Bi Kristu Sidna. Amen.

*Talba lilI San Benedittu*

0 glorjuz San Benedittu, mudell sublimi tal-virtujiet kollha,

recipjent pur tal-grazzja t'Alla! Hawn jien, umilment gharkubbtejja f'riglejk. Nitlob lill-qalb mimlija mhabba tieghek biex tidhol ghalija quddiem it-tron t'Alla. Lejk nersaq fil-perikli kollha li ta' kuljum idawruni. Ipprotegini kontra l-ghedewwa tieghi, dawwalni biex nimitak f'kollox. J'Alla l-barka tieghek tkun mieghi dejjem, biex hekk jirnexxili nahrab dak kollu li Alla ma jridx fija u nevita kull okkazjoni ta' dnub.

Ikseb ghalija, ghaziz San Benedittu, dawk il-grazzji, favuri u htigijiet li ghandi bzonn fil-mument prezenti. Qalbek minn dejjem kienet mimlija b'imhabba, moghdrija u hniena lejn dawk li kienu fl-inkwiet u tfixkil. Int qatt ma njorajt lil dawk li resqu lejk ghall-ghajnuna. Hu ghalhekk li jien ukoll nirrikorri lejk konvint li int ser tisma' taibi u taqla' ghalija minghand Gesu l-grazzja **li** ninhtieg. Dan qed nitlobuiek ghall-ikbar glorja t'Alla u ghall-helsien tieghi.

Ghinni, San Benedittu, biex nghix u mmut bhala iben fidil ta' Alla, li nkun dejjem sottomess ghar-rieda tieghu u li nikseb it-tgawdija etema fis-sema. Amen.

**<u>TMIEM</u>**